**90. L-Onor. Angelo Farrugia MP jipproponi:**

Mozzjoni ta' l-Onerevoli Anglu Farrugia

Nipproponi li minħabba li ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati:

- L-Avviż Legali Nru 395 ta' l-2003, l-Att ta' l-2002 dwar il-Proċedura fil-Qrati u fit-Tribunali (Att Nru XXXl ta' l-2002),
- L-Avviż Legali Nru 396 ta' l-2003 , Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), Ordni ta' l-2003 dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili,
- L-Avviż Legali Nru 397 ta' l-2003, Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), Kodiċi Ċivili (Kap. 16), Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) , il-Qorti Ċivili (Sezzjoniji ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni tal-Familja) u
- L-Avviżi Legali numri 8 u 9 ta' l-2004, Kodiċi ta' Organzizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) Kodiċi Ċivili (Kap. 16), Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tat-Familja), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta'Ġurisdizzjoni Ġenerali) u l-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja),

Liema regoli rispettivamenti kif indikati hawn fuq qiegħdin isiru bis-saħħa tas-setgħat mogħtija rispettivament bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 2 u 209 ta' l-Att ta' 2002 dwar il-Proċedura fil-Qrati u fit-Tribunali, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern stabilixxa s-16 ta' Diċembru 2003 bħala data meta għandhom jibdew iseħħu d-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 3,15,16,17,18,19,24,150,154, 185,186 u 21 0 ta' l-imsemmi Att, u

Bis-Saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u

Bis-Saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikoiu 193A u 470 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u bl-artikolu 37 tal-Kodiċi Ċivili u

Fl-aħħar ukoll bis-Saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 193A u 470 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u bl-artikolu 37 tal-Kodiċi Ċivili,

U liema regolamenti saru kollha mill-Ministru għall-Ġustizzja u Intern fil-każijiet ta' l-Avviżi Legali 395 u397 ta' l-2003, u Avviż Legali 9 ta' l-2004 u fil-każ ta' l-Avviz Legali 396 ta' l-2003, il-President ta' Malta għamel l-ordni ;

U billi dawn kollha ġew fis-seħħ fis-16 ta' Diċembru 2003 u fil-każ tal-Avviż Legali 8 u 9 ta' l-2004 bl-istess effett kif jingħad fl-istess avviżi aħħara;

U billi dawn ir-regolamenti u ordnijijiet huma riformi sħaħ kemm fit-twaqqif tal-Qorti tal-Familja u wkoll fl-istess tqassim tal-kawżi u xogħol ieħor tal-Qorti,fis-sezzjonijiet kollha li issa ġew stabbiliti b'dawn l-avvizi legali, liema riformi importanti li jolqtu l-ħajja u l-valuri tal-familja u l-istess indipendenza tal-qrati tagħna ma ġewx għad-diskussjoni wiesgha u demokratika fl-għola istituzzjoni tal-pajjiż, il-parlament imma ġew imposti hekk b'għaġla b'dawn l-avviżi legali kif ċitati hawn fuq;

U billi barra li ma sar l-ebda dibattitu serju dwar dawn ir-riformi , ma saru l-ebda konsultazzjonijiet serji mal-partijiet kollha konċernati tas-soċjeta Maltija, inklużi, Avukati, Prokuraturi Legali, il-Ġudikatura, il-Ġudikatura rtirata, organizzazzjonijiet volontarji non governattivi u oħrajn, imma l-gvern baqa' għaddej jimposta regolamenti għax fl-aħħar lesta l-bini fejn sejra suppost tiffunzjona l-Qorti tal-Familja;

U billi fl-Avviz Legali 396 ta' l-2003 il-Qorti Ċivili ġiet maqsuma fi tliet sezzjonijiet fosthom dik li qabel kienet Prim Awla tal-Qorti Ċivili u giet sostitwita sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali u wara gimgħat hekk il-gvern Nazzjonalista nduna li dan ma setgħax jagħmlu għaliex kien qiegħed b'hekk jittanta jemenda l-istess Kostituzzjoni tal-Pajjiż,haga li ma setgħax jagħmel mingħajr il-Parlament, u reġa' ħareġ Avviżi Legali oħra 8 u 9 ta' l-2004 fejn regolamenti reġgħu poġġew lura l-istess eżistenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili;

U billi dan kollu diġa għamel ħsara kbira fl-istess amministrazzjoni tal-qrati tagħna u wkoll l-istess indipendenza tal-Ġudikatura tagħna billi l-Imħallef per eżempju fil-Qorti tal-Familja ma tħallilux diskrezzjoni dwar jekk każ ta' separazzjoni jgħaddiehx lil medjatur jew le;

U billi ma saret l-ebda sejħa pubblika għall-medjaturi maħtura mill-gvern fil-Qorti tal-Familja u l-ebda sejħa pubblika għall-avukat tat-tfal u li dawn ġew maħtura mingħajr ebda trasparaenza u li huma sejrin jitħallsu mill-fondi pubbliċi;

U billi s-sistema kif inhi illum sejra żżid il-piż finanzjarju fuq dawk il-partijiet li sejrin jużaw l-istess Qorti tal-Familja;

U wkoll billi jidher li fil-Qorti tal-Familja tħalla kollox f'idejn Imhallef wieħed li għandu wkoll xogħol ieħor barra dak tal-Familja li jagħmel dan kważi umanament impossibli li jsir xogħol b'mod ordnat u ġust;

Qiegħed għal dawn ir-raġunijiet u raġunijiet oħra illi għandhom jiġu trattati f'dibattitu serju f'dan il-Parlament, billi skond l-artikolu 11 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249), Regolamenti li jsiru taħt xi liġi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati u jekk fi żmien 28 jum wara li jiġu hekk imqiegħda l-Kamra tirrisolvi li għandhom jiġu annullati jew emendati, dawn għandhom minnufih jieqfu mis-seħħ jew jiġu hekk emendati skond il-każ iżda bla ħsara għall-validita' ta' kull ħaġa li qabel tkun saret bis-saħħa tagħha jew għal għemil ta' regoli, regolamenti jew leġislazzjoni sussidjarja oħra ta' dik ix-xorta u wkoll għal raġunijiet fuq indikati, din il-Kamra jidrilha li r-regolamenti u ordnijiet fuq imsemmija u ċioe' l-Avviżi Legali 395, 396 u 397 ta' l-2003 u l-Avviżi Legali 8 u 9 ta' l-2004 m'għandhomx jiġu fis-seħħ.

Għaldaqstant dan il-Parlament għandu jirrevoka, iħassar u jannulla, l-Avviżi Legali ta' l-2003 u wkoll l-Avviżi Legali 8 u 9 ta' l-2004.

12.1.04

**(IRTIRATA MILL-ONOR. ANGELO FARRUGIA MP FL-14 TA' JANNAR 2004)**